*24 ta' Ottubru, 1953.*

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Ciantar *versus* Francesca Caruana et.

**Eredità — Likwidazzjoni — Kitba taż-Żwieġ — Patt Reversiv — Reversjoni Legali — Dota — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Retratt — Art. 1298, 851, 1365 (d), u 1366 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-obligu assunt mill-għarus fil-kitba taż-żwieġ "li jirrestitwixxi d-dota lill-għarusa jew lil niesha fil-każ ta' xoljiment taż-żwieġ" ma jekwivalix għal patt reversiv; għax dan il-patt għandu bħala presuppost rapport ta' donazzjoni bejn dak li jimponi l-patt u dak li jirċievi d-donazzjoni, mentri r-raġel li jirċievi d-dota m'huwiex donatarju, imma sempliċi amministratur ta' l-istess dota. U għalhekk, avvolja l-għarus ikun assuma dak l-obligu fil-kitba taż-żwieġ, id-dota tidħol fil-wirt tal-mara.*

*Ir-reversjoni legali hija rikonoxxuta biss favur l-axxendenti tal-persuna dotata, u fil-każ ta' sopravvivenza tagħhom; u għalhekk, avvolja l-mara li ġiet dotata tmut intestata u mingħajr tfal, ma tirrikorrix il-figura ġuridika tar-reversjoni legali, jekk l-axxendenti tagħha jkunu mietu qabilha.*

*Jekk il-mara miżżewġa takkwista fil-kors taż-żwieġ kwota minn fond li tiegħu hija tippossjedi l-kwota l-oħra, dak l-akkwist, avvolja*

*jkun sar f'isimha biss, jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti; u mhix attendibili l-allegazzjoni illi hija kellha d-dritt ta' l-irkupru fuq dik il-kwota, u illi għalhekk, billi hija akkwistat dik il-kwota direttament, ma għandhiex titlef il-proprjetà ta' dik il-kwota a vantaġġ tal-komunjoni ta' l-akkwisti.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi l-provvedimenti kollha meħtieġa u d-dikjarazzjonijiet neċessarji, peress illi fil-5 ta' Diċembru 1942 mietet f'Birkirkara, Angela Ciantar, ġa mart l-attur, "ab intestato" u mingħajr tfal (dok. A, B, u C), u ħalliet bħala superstiti l-attur żewġha, u qrabatha l-ħames konvenuti ħutha, Francesca Caruana, Fedele Zahra, Maria Caruana, Salvatore Zahra, u Emmanuele Zahra, u wlied l-imsemmi ħuha l-ieħor Carmelo Zahra mejjet; talab illi (1) jiġi likwidat l-assi konjugali bejn l-attur u l-mejta martu fuq imsemmija Angela Ciantar neé Zahra, li għandu jiġi magħmul jikkonsisti..............; (2) jiġu prelevati mill-assi soċjali konjugali hekk likwidati s-sustanzi dotali li l-imsemmija Angela Ciantar kienet ġiebet magħha fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha ma' l-attur, u l-istess sustanzi dotali jew ammont dotali jiġi assenjat lill-assi partikulari ta' l-imsemmija Angela Ciantar neé Zahra; (3) jiġi prelevat mill-imsemmi assi konjugali dak l-ammont li jirrappreżenta r-rilevanzi, f'każ li hemm, pertinenti lill-assi ta' l-imsemmija Angela Ciantar neé Zahra, u dak l-ammont jiġi assenjat lill-assi partikulari tagħha; (4) jiġi prelevat mill-istess assi konjugali dak l-ammont li jirrappreżenta l-beni parafernali ta' l-attur, u l-istess ammont jiġi assenjat lill-assi partikulari ta' l-istess attur; (5) wara li jsiru dawn il-prelevamenti, il-komunjoni ta' l-akkwisti tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali, waħda minn dawn il-porzjonijiet tiġi assenjata lill-assi partikulari ta' l-attur, u l-porzjoni l-oħra tiġi assenjata lill-assi partikulari ta' l-imsemmija Angela Ciantar; (6) l-assi partikulari ta' l-imsemmija Angela Ciantar jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet fis-sens u fil-proporzjon li porzjon minnhom, ekwivalenti għal terz ta' l-istess assi partikulari ta' l-imsemmija Angela Ciantar, jiġi assenjat lill-assi ta' l-attur, u l-porzjoni l-oħra, korrispondenti għal żewġ terzi ta' l-istess assi partikulari tagħha, tiġi assenjata lill-konvenuti fil-premes-

sa kwalità; (7) l-assi partikulari ta' l-imsemmija Angela Ciantar neè Zahra jiġi diviż f'sitt porzjonijiet ugwali, u lil kull wieħed u waħda mill-konvenuti tiġi assenjata porzjoni minn dawn il-porzjonijiet, ċjoè waħda lil Francesca Caruana, waħda lil.............; billi jiġi maħtur nutar sabiex jirċievi l-att tad-diviżjoni, fil-ħin u lok li jiġi ordnat, u kuraturi sabiex jidhru għall-partijiet li jonqsu u ma jidhrux fuq l-att. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, qabel ma tiġi deċiża l-kawża b'mod definitiv, il-Qorti jidhrilha li hu xieraq li jiġu eliminati xi kwistjonijiet li jistgħu jinfluwixxu fuq il-likwidazzjoni ta' l-assijiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni. Għalkemm ebda kritika ma saret mill-partijiet għar-relazzjoni tal-perit legali, ħadd minnhom ma rrimetta ruħu għall-konklużjonijiet peritali;

Illi l-ewwel kwistjoni tirrigwarda l-obligu assunt mill-attur fil-kitba taż-żwieġ (fol. 143) "di restituire la dote alla detta sposa Maria Angela od ai suoi in caso di scioglimento del presente matrimonio". Il-konvenuti jippretendu li dan l-obligu jekwivali għal "patt reversiv", b'mod li d-dota ma tidħolx fil-wirt ta' Maria Angela Ciantar, u l-attur żewġha, li mhux wieħed mill-eredi, ma jippartecipax minnha (fol. 77). Minn naħa l-oħra, l-attur jikkontesta dina l-interpretazzjoni, u jgħid li dan hu l-obligu komuni li jassumi l-għarus fi kwalunkwe kitba taż-żwieġ (fol. 81);

Illi l-perit legali (fol. 215 u 216) ikkonkluda li l-obligu fuq imsemmi ma jikkostitwix patt reversiv skond l-art. 1298 (Kodiċi Ċivili). Il-Qorti taqbel ma' dina l-konklużjoni; għaliex il-patt reversiv għandu bħala presuppost rapport ta' donazzjoni bejn dak li jimponi l-patt u dak li jirċievi d-donazzjoni. Issa, fil-każ in eżami, dana r-rapport ma jeżistix, għaliex l-attur mhux donatarju, iżda sempliċi amministratur tad-dota, tant li fl-istess kitba ġie dikjarat illi l-istima ta' l-oġġetti dotali "non deve renderne proprietario il marito";

Illi lanqas ma jista' jingħad li, minħabba li d-decujus mietet mingħajr tfal, tirrikorri l-figura tar-reversjoni legali kontemplata fl-art. 851 tal-Kodiċi Ċivili. Difatti dina r-re-

versjoni hija rikonoxxuta biss favur l-axxendenti tal-persuna dotata u fil-każ ta' sopravvivenza tagħhom — ċirkustanza li ma tirriżultax, anzi tinsab eskluża, peress li, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, id-decujus "ħalliet superstiti lill-attur żewġha u qrabatha, il-ħames konvenuti ħutha............... u wlied ħuha l-ieħor, Carmelo Zahra, mejjet"; u għal dina l-allegazzjoni ma opponewx ruħhom il-konvenuti;

Illi taħt dawna ċ-ċirkustanzi d-dota ta' Maria Angela Ciantar hija parti mill-wirt tagħha, u minnha jippartecipa anki l-attur, żewġha;

Illi punt ieħor ġie sollevat mill-perit legali rigward innatura tan-nofs indiviż tal-fond Birkirkara, Sqaq Għargħar, no. 24 il-lum nru. 25, St. Julian's Street. Dan ġie akkwistat mill-imsemmija Maria Angela Ciantar, bħala publika merkantessa, minn subasta ġudizzjarja "animo compensandi" ta' kreditu ta' £42 kontra l-proprjetarju ta' dak in-nofs. Il-perit jirrikonoxxi li, skond il-liġi, dan ix-xiri għandu jaqa' fil-komunjoni ta' l-akkwisti; iżda, in vista tal-fatt li d-decujus kienet ġa tippossjedi n-nofs bħala wirt ta' Caterina Zammit, hija kellha d-dritt li tirkuprah; għalhekk, billi hija akkwistatu direttament, ma kellhiex titlef il-proprjetà ta' dana n-nofs a vantaġġ tal-komunjoni, salv, favur ta' dina, is-somma ta' £42 li nħarġet għal dan l-akkwist;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-konklużjoni, għaliex hija kuntrarja għad-dispożizzjoni ta' l-art. 1365 (d) Kodiċi ċitat. *Difatti mhux kontestat li l-kreditu li in forza tiegħu sar l-akkwist kien jappartjeni* lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk nofs l-imsemmi fond, li ġie akkwistat b'dak il-kreditu, jidħol f'dik il-komunjoni, avvolja sar f'isem id-decujus biss. L-istess ħaġa tiġri fil-każ li dak il-kreditu, kontra l-preżunzjoni stabbilita fl-art. 1366 (1) Kodiċi Ċivili), jiġi kunsidrat bħala partikulari tad-decujus;

Illi konsegwentement in-nofs indiviż tal-fond fuq deskritt, akkwistat ma'ul iż-żwieġ, ma jistax jidħol fl-assi partikulari ta' Maria Angela Ciantar, u għandu *jifforma parti mill-komunjoni* ta' l-akkwisti li saru bejnha u l-attur żewġha;

Għal dawna r-raġunijiet;

Tiddikjara u tiddeċidi li l-obligu fuq riportat, assunt mill-

attur fil-kitba taż-żwieġ, ma jikkostitwix patt reversiv skond il-liġi;

Tiddikjara li n-nofs (½) indiviż tal-fond Birkirkara, Sqaq Għargħar, no. 25, St. Julian's Street, jikkostitwixxi ko-akkwist konjugali, u *jidħol* għalhekk fil-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Ciantar;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali;

In vista ta' dan tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-perit legali, Avv. Dr. Giovanni Calleja, biex jimmodifika r-relazzjoni tiegħu konformement għall-preżenti deċiżjoni. Il-perit għandu jippreżenta r-rapport mhux iżjed tard mid-9 ta' Jannar 1954, għal liema ġurnata qiegħda tiġi differita l-kawża.